**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

**Talba numru 357/2016AM3**

**Lista Numru: 32**

**Paul Zahra (80453M)**

**Dar il-Velenuz**

**Misrah Suffara**

**L/o Rabat**

**Vs**

**Christopher Borg**

**Wild Life Park**

**Triq is-Sajf ta'San Martin**

**Wied il-Buzbiez**

**L/o Rabat**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba prezentat fl-01 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas minghand il-konvenut ta' tlett elef mija u tnejn u tmenin ewro

(€3,182) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' gaffa u servizz ta' truck ghal garr ta' materjal u dan kif l-attur kien inkarigat sabiex jaghmel mill-konvenut li baqa' inadempjenti.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li t-talba hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili hekk kif x-xoghol in kwistjoni gie kkommissjonat u tlesta fl-elfejn u hdax (2011) hekk kif jidher fid-dokument anness Dok CB1; li bla pregudizzju ghal premess anke li kieku xi somma hija dovuta lill-attur din zgur mhix fis-somma ta' tlett elef mija u tnejn u tmenin ewro (€3,182) somma li hija eccessiva u ma tirriflettix il-ftehim li kien hemm bejn l-attur u l-esponenti;

Ra x-xhieda tal-partijiet a fol 13 et u d-dokumenti prezentati mill-partijiet;

Ra n-nota ta' riduzzjoni tal-attur a fol 26 li permezz taghha rriduca l-pretensjoni tieghu ghas-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Ra n-nota tal-ammissjoni tal-konvenut a fol 27 li permezz taghha ammetta li ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017 li permezz taghha l-partijiet talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Li t-talba tal-attur giet ridotta ghas-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u l-konvenut ammetta li huwa kreditur tal-attur f'din is-somma.

Illi ghalhekk dwar il-mertu fuq ammissjoni t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u jikkundanna lill-attur ihallas lil konvenut din is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) kif ammessa minnu bl-ispejjez kontra l-istess konvenut u bl-imghax legali jibda jghodd millum.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**